**14 ta' Frar, 1958.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Anthony Said

*versus*

Joseph Fountain

**Traffiku — Danni — "Pedestrian" — Negliġenza — Prova — "Res Ipsa Loquitur" — "Last Opportunity".**

*Huwa veru li l-ħtija għandha tiġi pruvata; iżda jingħataw każi fejn il-fatti dannużi juru l-impronta tal-ħtija; b'mod li min ikun ipprova dawn il-fatti għandu jitqies li pprova anki l-ħtija, u allura jkun dmir ta' min ikun kaġun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux ħtija fihom għara. Din hija t-teorija tar-"Res Ipsa Loquitur".*

*F'materja ta' danni kaġunati f'inċident tat-traffiku, xejn ma jiswa, biex jeżenta minn kull responsabilità lill-awtur tad-danni, il-fatt li l-attur li jitlob id-danni kien kontravventur meta ġie nvestit minn karrozza, u li l-kontravvenutur ma jimmeritahx 'il-protezzjoni tal-liġi; għaliex hu prinċipju ormaj paċifiku fil-liġi li min ikun qiegħed isuq karrozza għandu juża l-mezzi kollha biex jiġu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħadd ieħor; u jekk ma jużax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avvolja hu jkun qiegħed josserva rigorożament ir-regolamenti.*

*L-enunzjazzjoni ġenerali tal-prinċipju tar-"Res Ipsa Loquitur" ma toffrix diffikultà; iżda ma hux faċli li jiġu senjati l-veri limiti ta' din id-dottrina. U jekk fil-każ partikulari ma jkunx hemm "prima facie" ċirkustanzi suffiċjenti biex wieħed jista' japplika din id-dottrina, ma jistgħax jingħad "sic et simpliciter" li t-talba tal-attur għad-danni tirnexxi biss għax il-konvenut ma għamel ebda prova li tiskaġunah; u allura l-piż tal-prova jibqa' fuq l-attur, fis-sens illi hu għandu jipprova li kien hemm ħtija da parti tal-konvenut.*

*Mhix negliġenza, "per sè", li wieħed jimxi fuq il-karreġġjata biex jaqsam it-triq; imma min jaqsam għandu juża grad akbar*

*ta' prudenza minn min ikun fuq il-bankina. Imma anki jekk l-attur danneġġjat kien inizjalment negliġenti, il-konvenut danneġġjant jibqa' responsabbli bis-saħħa tat-teorija tal-"Last Opportunity", ta' spiss applikata mill-Qrati Tagħna, jekk hu seta' jevita l-investiment tal-attur.*

Il-Qorti; Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u wara li ppremetta li fiż-17 ta' Novembru 1952, fit-8.30 p.m., il-konvenut, minħabba mperizja, negliġenza, u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan, laqgħat bil-karrozza lill-attur u kkaġunalu lezjoni f'rasu u fi bnadi oħra tal-persuna; u li l-attur bħala konsegwenza ta' dan l-inċident sofra danni diversi; talab (1) li l-konvenut ikun dikjarat responsabbli tad-danni riportati mill-attur bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident; (2) u li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur, in linea ta' danni, dak l-ammont li jiġi likwidat minn din il-Qorti per mezz ta' perit. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Ġunju 1957, li biha laqgħet l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; u ordnat li l-proċess jiġi rinvijat lill-perit ġudizzjarju biex, fuq l-iskorta ta' din id-deċiżjoni, ikompli fl-inkariku tiegħu in konnessjoni mat-tieni talba tal-attur, bl-istess fakoltajiet u doveri ġa speċifikati fid-digriet oriġinali; wara li kkunsidrat;

**Illi l-perit *ġudizzjarju*, *fl-imsemmija* relazzjoni tiegħu, ikkonkluda illi l-konvenut ma għandux jinżamm responsabbli tal-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u illi huwa lanqas ma kkollabora fih bl-ebda mod, jew illi seta' u naqas milli jevitah;**

**Illi l-attur, fin-nota tiegħu fol. 58, ikkontesta l-konklużjoni peritali u sostna li hemm provi biżżejjed, minnu elenkati, biex jaċċertaw ir-responsabilità tal-konvenut, kuntrarjament għal dak li ssottometta l-perit ġudizzjarju,**

li ċjoè l-attur, li fuqu jirpoża l-oneri tal-prova, ma ġiebx provi biżżejjed univoċi biex jirradika fil-konvenut ir-responsabilità ta' dak li ġara;

Illi huwa veru li l-ħtija għandha tiġi pruvata, iżda jingħataw każi fejn il-fatti dannużi juru l-impronta tal-ħtija. B'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti għandu jiftiehem li pprova anki l-ħtija; u allura jkun dmir ta' min ikun kaġun ta' dawk il-fatti li jipprova li huwa ma kellux ħtija filli ġara. A propożitu, kif jinnota maġistralment Giorgi:— "Vi sono taluni fatti dannosi che non si sa se sieno l'effetto d'umana malizia, negligenza o imperizia, o se siano effetto di fortuito...... Or bene, in questi casi la colpa deve essere provata direttamente. Vi sono, per contrario, altri fatti dannosi che portano l'importa della colpa, perchè le nove volte su dieci dipendono appunto dall'umana malizia o imperizia. E' quindi manifesto che in tali casi può bastare la prova del danno perchè la colpa ne emerga come naturale presunzione, e debba l'autore del danno assumere la prova del fortuito, se voglia liberarsi" (Obbligaz. Vol. V, 157). F'dan is-sens, ukoll, hija l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXIV-I-893);

Illi mill-parti tiegħu l-attur ġieb il-prova li hu ġie milqut mill-konvenut bil-karrozza tiegħu fil-waqt li t-triq kienet imdawwla, almenu minn bozza elettrika li kienet turi biżżejjed biex il-konvenut jara lill-attur. Dina l-prova ma ġietx bl-ebda mod kontestata jew indebbolita mill-konvevenut; u del resto, dan ma setgħax ikun, (1) għaliex ixxhud Don Carmelo Portelli, kif sama l-ħoss, ittawwal mill-gallarija fin-naħa opposta, u bid-dawl ta' dik il-bozza ra persuna fl-art, li mbagħad sar jaf li kien l-attur, u (2) għaliex, skond ma xehed l-istess konvenut, it-tifla tiegħu ħarset minn wara u qaltlu li kien hemm raġel fl-art. Minn hawn jidher illi l-konvenut kien messu ra lill-attur, mentri hu jgħid li lanqas raħ. Id-daqqa fuq il-karrozza avvertita mill-konvenut kienet fil-ġenb tal-bonnet, bejn in-naħa tiegħu u l-pilastru tal-"windscreen", u aktar fil-viċin minn daqshekk ma setgħax ikun. Di pjù, ma jirriżultax illi l-viżwali tat-trieq kienet impedita mit-traffiku jew ħaġa

oħra; anzi, kif jgħid hu stess, il-fanali kienu ġa fuq il-"bright";

Illi għaldaqstant iċ-ċirkustanzi fuq miġjuba, fihom infushom, juru li l-konvenut kien fi ħtija, u dmir tiegħu, għalhekk, li jġib il-provi meħtieġa biex jeħles minn dik il-ħtija u jipprova li kollox kien dovut għal kawża estranea għall-operat tiegħu, jiġifieri għall-fatt ta' ħadd ieħor imprevedibbli u inevitabbli. Dawn il-provi, in vista tar-riljevi ġa fuq magħmula, il-konvenut ma ġiebhomx; u konsegwentement huwa għandu jirrispondi tal-ħsara li sofra l-attur;

Illi xejn ma jiswa li, kif aċċenna l-perit, kien l-attur li daħal fil-karrozza tal-konvenut, u li kwindi, bħala kontravventur, ma jimmeritaħx il-protezzjoni tal-liġi; għaliex hu prinċipju ormaj paċifiku fill-liġi tagħna, illi min ikun qiegħed isuq karrozza għandu juża dawk il-mezzi kollha biex jiġu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħadd ieħor; u jekk ma jużahomx, ikun legalment responsabbli; u dan anki jekk huwa jkun qiegħed josserva rigorożament ir-regolamenti. Difatti, kif irriteniet tal-Qorti tal-Appell fil-kawża "Bernardo Zammit vs. Reverendo Don Edgardo Salomone", deċiża fit-2 ta' Frar 1928, "il regolamento non ha per ispirto di permettere a chi pur si attenesse alle sue varie disposizioni di cagionare impunemente danni ad altri, non ostante che questi fossero in contravvenzione, quando tali danni si potessero da costui prevenire ed impedire" (Kollez. XXVII-I-988). Ara, fis-sens fuq imsemmi, Kollez. XXIX-IV-740; XXX-IV-616, 625. Kieku ma kienx hekk, l-għama, it-trux jew difettużi oħra, jistgħu jiġu mpunement offiżi, jew anki maqtula, fil-każ li huma, bħal eżempju, ikunu qegħedin weħedhom jaqsmu t-trieq bit-traffiku, mingħajr l-obligu f'min ikun isuq b'mod regolamentari li jevita d-disgrazzja — ħaġa din, bla dubju, kuntrarja għall-prinċipji ġuridiċi u umanitarji;

Illi għalhekk mhix aċċettabbli, biex teżonera l-konvenut, l-ispjegazzjoni mogħtija mill-perit ġudizzjarju, illi l-attur ġie abbaljat għal ftit żmien mid-dawl tal-karrozza l-oħra, u li l-vista tiegħu ġiet mhux biss appannata, imma kanċellata għal kollox. Jekk anki kienet vera dina l-ipotesi, jibqa' dejjem illi l-konvenut, almenu bid-dawl tat-trieq,

seta' jara lill-attur riesaq lejħ u juża l-mezzi meħtieġa biex jevitaħ. Għalhekk jibqa' dejjem inspjegabbli kif il-konvenut ma rax lill-attur, ammenokkè ma jingħadx, skond kif żvolġew ruħhom iċ-ċirkustanzi, li huwa jew kien distratt, jew kien qiegħed iħares band'oħra; iżda f'dan il-każ kien dejjem fi ħtija, u għalhekk responsabbli talli ġara;

Rat fol. 66 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 67 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li l-istanza tiġi respinta; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li minnhom oriġina dan il-proċess, brevement, kienu dawn. Fiż-17 ta' Novembru 1952, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija, l-attur kien ħiereġ mit-Trieq tal-Pitkali, il-Marsa, għat-trieq prinċipali, ċjoè Cross Road, sabiex jaqsam in-naħa l-oħra. Hu qasam bil-pass, u x'ħin kien bogħod ċerta distanza mill-bankina tan-naħa tal-ġnien, li għaliha kien dirett, ġie nvestit mill-karrozza misjuqa mill-konvenut, u korra. Il-konvenut kien qiegħed isuq nieżel lejn il-Marsa minn Blata l-Bajda. Ma jistax jingħad b'ċertezza kemm kien bogħod l-attur mill-bankina li għaliha kien dirett. Ix-xhud Don Carmelo Portelli jgħid li l-attur kien stendut fl-art xi minn sebgħa sa disgħa passi l-bogħod mit-tarf tal-bankina; il-konvenut jgħid li x'ħin niżel mill-karrozza sab lill-attur "f'nofs it-trieq eżatt"; imma ma tantx jista' wieħed jasal għal konklużjoni sikura dwar daqshekk; għax milli jidher, l-attur ġie traxxinat biċċa trieq bil-karrozza. Infatti, mentri x-xhud fuq imsemmi jgħid li bejn l-attur stendut fl-art u l-karrozza wieqfa tal-konvenut kien hemm tliet piedi, il-konvenut jgħid li, wara d-daqqa li ħass fuq il-karrozza, hu mexa xi 25 pied qabel ma waqaf; għalhekk bilfors il-karrozza ttraxxinat lill-attur qabel ma dan waqa' stendut fl-art; għax inkella d-distanza bejn il-karrozza wieqfa u l-attur kienet tkun ta' 25 pied. Però, din iċ-ċirkustanza ma tantx hi ta' riljev; għax fatt hu li l-attur kien oltrepassa dik iz-zona tat-trieq

mnejn kienu ġejjin il-vetturi mill-Marsa għall-Blata l-Bajda, u kien beda jimxi fuq iz-zona tat-traffiku li ġej lejn il-Marsa mill-Blata l-Bajda u kien jimxi fuq iz-zona tat-traffiku li ġej; u del resto, il-konvenut ma jinnegax li kienet tiegħu l-karrozza li laqtgħet lill-attur;

Fid-dibattitu, stante li l-perit relatur adoperat mill-Ewwel Qorti xeħet il-piż tal-prova fuq l-attur, mentri l-Ewwel Qorti xeħtitu fuq il-konvenut, fis-sens li, pruvat il-fatt tal-investiment, il-konvenut għandu l-piż li jagħmel il-prova liberatorja, ġie argumentat dan il-pont;

F'din ix-xorta ta' kawżi hemm l-hekk imsejħa dottrina tar-"res ipsa loquitur". Jgħid id-Davies, The Law of Road Traffic, p. 199:— "In an action for negligence, the burden of proof rests upon the plaintiff, and therefore, if he is to succeed in his claim, he must usually establish that what the defendant has done, or failed to do, would not have been done or omitted by a reasonable man exercising ordinary prudence. In this task, a plaintiff is sometimes assisted by the operation of the maxim "res ipsa loqutur". In other words, if an accident happens which would not ordinarily happen if proper care is used, then the mere occurrence of the accident is 'prima facie' evidence of negligence, provided the defendant, or his servants, have sole control of the thing by which the accident is caused. In such circumstances, the facts speak for themselves, if no explanation is given by defendant........";

L-istess il-Bibb-Collisions on Land, p. 16, taħt l-intestatura "Res Ipsa Loquitur":— "Where a vehicle is shown to be under the management of the defendant or his servants, and an accident occurs such as in the ordinary course of things does not happen if those who have the management use proper care, the onus, exceptionally, rests on the defendant to disprove that the accident arose from want of care";

L-enunċjazzjoni ġenerika tal-prinċipju ma toffrix diffikultà; iżda ma hux faċili li jiġu senjati l-veri limiti tad-dottrina tar-"res ipsa loquitur". Jgħid it-Terrell, The

Law of Running Down Cases, p. 6:— "It may be mentioned that there has been much conflict of judicial opinion as to the exact limits within which this principle may be applied";

Fil-Qorti tal-Iskozja, milli jidher, l-applikazzjoni kienet aktar estiża milli fil-Qrati Ingliżi. Difatti, skond il-Qrati tal-Iskozja, każijiet bħal dawn li ġejjin ġew kunsidrati bħala tali li għalihom tapplika dik id-dottrina;

"A man walking in the street was overtaken and knocked down by a vehicle. It was held that in such a state of the facts, the driver was 'prima facie' negligent";

"A tramcar at night collided with a man who was driving two cows on the road. The pursuer could give no evidence as to how the accident happened; but it was held that the judge trying the case might properly infer that the accident was due to a faulty look-out by the tramcar" (ara pp. 17-18, Gibb, loc. ċit.);

Fuq l-istregwa ta' dawn iż-żewġ każijiet, il-każ preżenti kien jadatta ruħu għal biex tiġi nvokata favur l-attur id-dottrina fuq imsemmija. Mhux hekk però fid-deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi. Infatti, f'deċiżjoni ċitata fit-Terrell (ibidem, p. 4), Chief Justice Erle qal:— "It is as much the duty of foot passengers attempting to cross a street or road to look out for passing vehicles as it is the duty of drivers to see that they do not run over foot passengers. Where it is a perfectly even balance upon the evidence whether the injury complained of has resulted from the want of proper care on the one side or the other, the party who founds his claim upon the imputation of negligence fails to establish his claim........";

Milli jidher (ara paġ. 19 Gibb, Loc. ċit), jeħtieġ li jkun hemm xi xintilla ta' prova ta' negliġenza mill-parti tal-konvenut, tali li "it calls for an explanation by the defendant". Hekk, per eżempju, kieku l-"pedestrian" jiġi milqut mhux waqt li qiegħed fuq il-karreġġjata, imma waqt li qiegħed "fuq il-bankina" (ara Davies, loc. ċit., paġ. 200),

fejn mhux suppost li jitilghu l-vetturi. Jghid a propożitu l-Wilkinson, Road Traffic Prosecutions, p. 53:— "There must be some evidence of careless driving, and the doctrine of "res ipsa loquitur" does not apply on its own to prove the case";

Kien ghalhekk li Lord Justice Fletcher-Moulton qal, f'deċiżjoni tieghu msemmija fit-Terrel, loc. ċit., p. 17 (ghalkemm kritikata):— "Every vehicle has to adapt its own behaviour to the behaviour of other persons using the road, and over their actions those in charge of the vehicle have no control. Hence the fact that an accident has happened either to or through a particular vehicle is by itself no evidence that the fault, if any, which led to it was committed by those in charge of the vehicle";

Mhux dissimili tidher il-pożizzjoni fis-sistema legali taljan. Fl-opera tal-Jannitti Peromallo — "Commento alle Leggi sulla Tutela delle Strade e sulla Circolazione" — hemm dan il-komment:— "E' nulla per assoluta mancanza di motivazione la sentenza che, come nella specie in tema di lesioni colpose per investimento automobilistico, afferma la penale responsabilità dell'imputato in base al semplice rilievo che costui ebbe ad investire Tizio con la propria macchina determinandone la caduta e le conseguenti lesioni. In tal caso, invero, sarebbe occorso stabilire in che la condotta volontaria dell'imputato abbia trasgredito a norme regolamentari o a dettami di prudenza, o sia venuta meno a doverosa diligenza, o abbia peccato d'imperizia professionale costituendolo in colpa, e sarebbe altresì occorso dimostrare che tale volontaria condotta sia stata la causa efficiente dell'effetto deplorato";

Ma jidherx li fil-każ preżenti hemm "prima facie" ċirkustanzi sufficjenti biex wiehed jista' japplika d-dottrina fuq imsemmija u jghid "sic et simpliciter" li t-talba tal-attur tirnexxi biss ghax il-konvenut ma ghamel ebda prova li tiskagunah;

Ghalhekk, din il-Qorti ghandha tara jekk bil-provi li saru, komprizi dawk "ex parte adversa", l-attur irnexxielux

jissodisfa l-piż tal-prova li tinkombi lilu, li ċjoè kien hemm negliġenza da parti tal-konvenut;

Għandu jiġi rilevat, kwantu għall-attur, li mhijiex negliġenza per sè li wieħed jimxi fuq il-karreġġjata biex jaqsam. Jgħid il-Gibb, "Trial of Motor Car Accident Cases", sec. 147:— "It is not negligence 'per sè' to walk on any part of the road". S'intendi, min jaqsam għandu juża grad akbar ta' prudenza milli min ikun fuq il-bankina. Jgħid dan l-awtur (ibidem, sec. 146):— "Greater caution is required of one walking along a road than is required of one using a foot path, where motor vehicles are not expected";

L-attur xehed li hu ma rax il-karrozza tal-konvenut;

Il-konvenut xehed li nduna b'dak li ġara biss meta ħass id-daqqa mal-karrozza u t-tifla qaltlu li kien hemm raġel fl-art;

Issa, dato anki li kien hemm negligenza inizjali da parti tal-attur, li ma rax il-karrozza tal-konvenut, tibqa' dejjem il-kwistjoni hekk formulata mil-Gibb — "Trial of Motor Car Accident Cases" — sec. 154:— "In this case, as in all others where a suggestion of contributory negligence can be made, the question must be whether a vehicle, despite an initial imprudence on the plaintiff's part, could by exercising proper care have avoided the accident". U dan appuntu in bażi għat-teorija tal-"Last Opportunity", ta' spiss applikata minn dawn il-Qrati;

Din il-Qorti, wara li qieset tajjeb iċ-ċirkustanzi tal-każ, hi ta' fehma li l-konvenut seta' evita l-investiment tal-attur, anki jekk wieħed kellu jgħid li dan seta' ra l-karrozza tal-attur. Infatti:—

1. Il-konvenut jgħid li hu kien qiegħed isuq bil-mod — "żgur", hu qal, "mhux aktar minn 15 il-mil fis-siegħa";

2. Qabel l-investiment, u preżumibilment fil-waqt tal-

investiment, il-konvenut, "ex confessis", kellu d-dawl fu il-"bright";

3. Fejn sar l-inċident hemm bozza mal-ħajt tad-dar tax-xhud Don Carmelo Portelli; difatti dan ra mill-gallarija tiegħu lill-attur stendut fl-art bid-dawl ta' dik il-bozza;

4. It-trieq fejn sar dan il-fatt hi wiesgħa. Jgħid il-Gibb, loc. ċit., sec. 148:— "It may be said that the wider the roadway the greater is the likelihood that the defendant was negligent in striking the plaintiff walking thereon, because when the road is wide, the car has every opportunity to pass the pedestrian in safety, whereas if the road is narrow, it may in certain cases be reasonable for the pedestrian to step off the crown of the road to allow the car to pass";

5. L-attur ma niżelx inaspettatament mill-bankina, u ma ġiex "instanter" fir-rotta tal-karrozza b'mod li kkrea emerġenza għall-konvenut. Hu kien ġej bil-pass jaqsam, u kien żgur oltrepassa n-nofs tat-trieq. Il-konvenut kellu l-opportunità jarah. Jgħid l-attur fuq ċitat:— "If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb on the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street; the Court may refuse to believe that he looked and failed to see the car. If, however, the plaintiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist";

6. Ma kienx hemm "oncoming traffic", li seta' ngombra l-viżwali tal-konvenut; għax hu stess isemmi karrozza waħda sejra lejn il-Belt dak il-ħin, u din kienet ġa għaddiet sewwa, ċjoè għal kollox, meta sar l-inċident;

Fl-opinjoni tal-Qorti, dawn iċ-ċirkustanzi kollha flimkien jikkostitwixxu prova suffiċjenti ta' negliġenza fis-sewqan da parti tal-konvenut; għaliex juru li hu ma kienx qiegħed iżomm dik li tissejjaħ "a proper look-out". Kieku kien attent, kif kellu jkun, kien jista' jara, bid-dawl tat-trieq u tal-fanali tal-karrozza tiegħu, lill-attur fit-trieq wiesgħa,

ġej jaqsam bil-pass, ladarba kellu l-viżwali libera, u li speed tiegħu kien tali li seta' faċilment jevita l-investiment;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell, u fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tordna r-rinviju tal-proċess lill-Qorti tal-ewwel istanza għall-kontinwazzjoni.